

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-14 ta' Lulju 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs  
VW, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

(Kawżi Magħquda C-116/21 P sa C-118/21 P, C-138/21 P u C-139/21 P) (1)

(*Appell – Servizz pubbliku – Pensjoni – Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 20 tal-Anness VIII – Għoti ta' pensjoni tas-superstitioni – Konjuġi superstitioni ta' ex uffiċjal intitolat għal pensjoni tal-irtirar – Żwieġ konkluż wara t-tmiem tas-servizz ta' dan l-uffiċjal – Kundizzjoni ta' tul minimu ta' ħames snin taż-żwieġ fid-data tal-mewt tal-uffiċjal – Artikolu 18 tal-Anness VIII – Żwieġ konkluż qabel it-tmiem tas-servizz tal-uffiċjal – Kundizzjoni ta' tul minimu taż-żwieġ ta' sena biss – Eċċeazzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 20 tal-Anness VIII – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 20 – Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament – Artikolu 21(1) – Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-ett – Artikolu 52(1) – Assenza ta' distinzjoni arbitrarja jew manifestament inadegwata fir-rigward tal-għan li għandu jintlaħaq mil-leġiżlatur tal-Unjoni*)

(2022/C 359/04)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

(Kawża C-116/21 P)

Appellant: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara, B. Mongin u B. Schima, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: VW (rappreżentant: N. de Montigny, avocate), il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: D. Boytha, J. Steele u J. Van Pottelberge, aġenti), il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Alver, M. Bauer u R. Meyer, aġenti)

(Kawża C-117/21 P)

Appellant: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara, B. Mongin u B. Schima, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: BT (rappreżentant: J.-N. Louis, avocat), il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: D. Boytha, J. Steele u J. Van Pottelberge, aġenti), il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Alver u M. Bauer, aġenti), Association internationale des anciens de l'Union européenne (AIACE Internationale) (rappreżentanti: N. Maes, advocaat, u J. Van Rossum, avocat)

(Kawża C-118/21 P)

Appellant: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara, B. Mongin u B. Schima, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: RN (rappreżentant: F. Moyse, avocat), il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: D. Boytha, J. Steele u J. Van Pottelberge, aġenti)

(Kawża C-138/21 P)

Appellant: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Alver u M. Bauer, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: BT (rappreżentant: J.-N. Louis, avocat), il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara, B. Mongin u B. Schima, aġenti), il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: D. Boytha, J. Steele u J. Van Pottelberge, aġenti), Association internationale des anciens de l'Union européenne (AIACE Internationale) (rappreżentanti: N. Maes, advocaat, u J. Van Rossum, avocat)

(Kawża C-139/21 P)

Appellant: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Alver u M. Bauer, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: VW (rappreżentant: N. de Montigny, avocate), il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara, B. Mongin u B. Schima, aġenti), il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: D. Boytha, J. Steele u J. Van Pottelberge, aġenti)

## Dispożittiv

- 1) Is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Diċembru 2020, VW vs Il-Kummissjoni (T-243/18, mhux ippubblikata, EU:T:2020:619), tas-16 ta' Diċembru 2020, BT vs Il-Kummissjoni (T-315/19, mhux ippubblikata, EU:T:2020:622), u tas-16 ta' Diċembru 2020, RN vs Il-Kummissjoni (T-442/17 RENV, EU:T:2020:618), huma annullati.
- 2) Ir-rikorsi ta' VW fil-Kawża T-243/18, ta' BT fil-Kawża T-315/19 u ta' RN fil-Kawża T-442/17 RENV huma miċħuda.
- 3) VW hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnati mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kemm fil-Kawża T-243/18 kif ukoll fil-Kawżi C-116/21 P u C-139/21 P.
- 4) BT hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnati mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kemm fil-Kawża T-315/19 kif ukoll fil-Kawżi C-117/21 P u C-138/21 P.
- 5) RN hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnati mill-Kummissjoni Ewropea kemm fil-Kawżi F-104/15 u T-442/17 RENV kif ukoll fil-Kawża C-118/21 P.
- 6) Il-Kummissjoni Ewropea u RN huma kkundannati għall-ispejjeż rispettivi tagħhom fil-Kawża T-695/16 P.
- 7) Il-Parlament Ewropew u l-Association internationale des anciens de l'Union européenne (AIACE Internationale) huma kkundannati għall-ispejjeż rispettivi tagħhom fil-kawżi kollha li fihom intervjenew fl-ewwel istanza u fl-appelli, inkluż, fir-rigward tal-Parlament Ewropew, fil-Kawżi F-104/15 u T-695/16 P.

(<sup>1</sup>) ĠU C 182, 10.5.2021.

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-14 ta' Lulju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour de cassation – Franzia) – Eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra KL

(Kawża C-168/21) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Artikolu 2(4) – Kundizzjoni ta' kriminalità doppja tal-fatt – Artikolu 4(1) – Raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiva tal-mandat ta' arrest Ewropew – Sħarrīg mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni – Fatti li parżjalment jikkostitwixxu reat fid-dawl tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni – Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Princípjtu ta' proporzjonalità tar-reati u tal-pieni)*

(2022/C 359/05)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

## Partijiet fil-kawża prinċipali

KL

fil-preżenza ta': Prokuratur Ġenerali fi ħdan il-cour d'appel d'Angers